**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta’ Jannar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 85 / 12RGM

Kawza fil-lista: 9

**Q R**
**vs**
**V R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi hija zzewget lill-konvenut fit-18 ta' Marzu 2003;

2. Illi min dan iz-zwieg twieled tifel, attwalment minuri, J, twieldet fit-12 ta' Marzu 2004;

3. Illi l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi;

4. Illi z-zwieg taghhom tkisser irremedjabilment tort unikament tal-konvenut;

5. Illi minkejja li saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju anke' tramite l-procedura ta' medjazzjoni, il-partijiet ma waslu ghal ebda ftehim u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni, u l-esponenti inghatat l-awtorizazzjoni sabiex tipprocedi b' din l-istanza;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti hawn esposti;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut;

2. Takkorda l-kura u l-kustodia tal-minuri J, li twieled fit-12 ta' Marzu 2004;

3. Tordna lil konvenut ihallas manteniment ghal attrici, kif ukoll ghal minuri, skond kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonljiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53, u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in toto jew in parte.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

6. Tordna lill-konvenut jirritorna l-propjeta parafernali tar-rikorrenti.

7. Tawtorizza lil attrici terga tibda tuza kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba adulterju da parti tal-attrici u peress illi hija abbandunat id-dar konjugali.

2. Illi l-attrici mhix denja biex ikollha l-kura u l-kustodja tal-minuri J li twieled fil-12 ta' Marzu 2004.

3. Illi l-attrici qeghda tikkonvivi ma' persuna li ghandu bar/restaurant f'Wied iz-Zurrieq u hanut tal-haxix f'Hal Luqa.

4. Illi l-effetti tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 ghandhom jigu applikati kontra l-istess attrici.

5. Illi ghall-komunjoni tal-akkwisti ikkontribwixxa l-konvenut bix-xoghol tieghu waqt li martu kienet qed tibni hbiberiji ma' rgiel ohra.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Awissu 2012 li permezz tieghu innominat bhala Avukat tat-Tfal ghall-minuri J lil Dr Stephanie Galea.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal pprezentata fit-23 ta' Awissu 2012 u d-digriet taghha tal-24 ta' Awissu 2012 li permezz tieghu ordnat li r-rapport jibqa` sigillat sakemm ma taghtix ordni ohra.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Awissu 2012, li permezz tieghu, ordnat pendente lite, illi l-kura u l-kustodja tal-minuri J R tkun fdata f'idejn il-missier V R u li mieghu ghandu jirrisjedi l-minuri, u li l-minuri jkollu access ghall-omm nhar ta' Tlieta u Hamis bejn 5pm u 7.30pm u alternattivament nhar ta' Sibt u nhar ta' Hadd bejn l-10am u 6pm. Il-minuri jingabar ghall-access u jittiehed lura minn hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga.

Rat li fid-29 ta' Ottubru 2013, il-Qorti ddifferiet il-kawza sine die.

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-6 ta' Jannar 2014 li permezz tieghu talab li l-Qorti tirriappunta l-kawza ghas-smigh bl-ordni, stante d-diversi seduti li fihom l-attrici ma gabet ebda provi, li l-konvenut jghaddi ghall-provi tieghu.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Jannar 2014, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-konvenut u rriappuntat il-kawza.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' April 2014, li permezz tieghu, wara rikors tal-attrici ghall-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Kieron, regghat innominat lill-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea bis-soliti fakultajiet.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Gunju 2014 li permezz tieghu, wara li kkunsidrat li fic-cirkostanzi prezenti huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jerga` jirrisjedi mal-omm fid-dar residenzjali tan-nanniet materni b'access favur il-missier, irrevokat id-digriet taghha tal-24 ta' Awissu 2012, ordnat li pendente lite l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun affidata f'idejn Q R. Il-minuri ghandu jirrisjedi mal-omm fid-dar residenzjali tan-nanniet materni b'effett minn gimgha wara li dan id-digriet jigi notifikat lil V R permezz tal-purtier jekk hemm bzonn wara l-hinijiet legali. Il-minuri m'ghandux jirrisjedi ma' terzi li ma humiex membri tal-familja. Ordnat li V R ikollu access ghall-minuri J R nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5pm u s-7.30pm u alternattivament access bi sleepover mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-

6pm u mis-Sibt 6pm sal-Hadd 6pm. Il-minuri jingabar ghall-access u jittiehed lura minn hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Luqa.

Rat il-provi u l-atti kollha, inkluz dawkipprezentati quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia.

Rat li fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2016, il-Qorti tat lill-partijiet il-fakulta` li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet.

Rat li hadd mill-partijiet ma pprezenta nota ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

**PROVI**

**L-attrici** tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 62) u tghid inter alia illi hija ltaqghet mal-konvenut ftit wara li ghalqet it-18 il-sena go diskoteka r-Rabat (Malta). Wara 6 jew 7 xhur li kienu ilhom johorgu flimkien, hadu self mill-bank sabiex jixtru post, li kien jinsab gewwa Hal-Luqa. Dan xtrawh fis-sena 2002. Id-decizjoni li jizzewwgu haduha t-tnejn flimkien u zzewwgu fit-18 ta' Marzu tal-2003 wara xi sena u nofs gherusija. Wara 4 xhur harget tqila. Sa dak iz-zmien, ir-relazzjoni taghhom kienet tajba, pero tghid li wara li harget tqila l-attitudni tal-konvenut inbidlet, sar possessiv fejn anke ma hallijiex tahdem iktar.

Tghid li fil-bidu li zzewwgu kienet tahdem bhala waitress u V kien impjegat ma' kumpannija tal-coaches bhala xufier. Izda' fis-sena 2003 xtraw mini bus u fis-sena 2006 xtraw mini bus iehor u ghalhekk il-konvenut beda jahdem bhala self-employed. It-tifel twieled f'Marzu tas-sena elfejn u erbgha 2004 u f'Settembru ta' l-istess sena kienet bdiet tahdem bhala xufiera tal-mini bus kemm bi vjaggi biex twassal it-tfal ta' l-iskola u anke vjaggi zejda bil-lejl specjalment fil- weekends. It-tifel kienet thallih daqqa ma' ommu u daqqa ma' ommha. Izda minn meta t-tifel beda jmur l-iskola fejn kellu madwar 3 snin, hi kienet tmur twasslu l-iskola u wara l-iskola kien ikun maghha. Fis-sena 2009 bieghu mini bus u V rega' impjega ruhu bhala xufier mal-kumpanija tal-coaches.

Fil-bidu li harget tqila il-konvenut xtara 3 klieb tal-glied tar-razza pitbulls. Kien tefaghhom fil-bitha tar-residenza taghhom li kienet taghti ghal gol-kcina u ghalhekk lanqas setghu jifthu l-bieb ghall-arja. Tghid li l-konvenut ma kienx inaddfilhom u minhabba dawn il-klieb il-partijiet kien ikollhom hafna xi jghidu.

Tghid li wara li nehha l-klieb, xtara ziemel. Dan iz-ziemel inxtara bid-dejn u kien jiswa madwar LM1,800. Hafna mill-glied taghhom kien jinqala l-iktar minhabba l-flus. Tghid li hi dejjem hadmet hafna u stinkat ferm iktar minnu. Kienet tibda xoghol bil-mini bus fl-4.30am, u V kien jibda xoghol fis-6am, izda ma kienx iqum u kien ikollha tghaddi tqajjmu bin-nies tal-fabbrika gol-vann.

Tghid li kien jonfoq hafna flus fuq iz- zwiemel u kien jiehu flus mill-paga taghha stess. Kull ma kien ihalli flus kemm jghaddu bl-ezatt. Sahansitra kienet issellifhom il-flus ommha u anke hwejjeg ghat- tifel kollox ommha kienet tixtri.

Minn mindu xtraw id-dar qatt ma rrangawha ghax peress li kien jonfoq hafna flus fuq id-delizzju tieghu ma kien jibqalhom xejn. Missierha kien hadem hafna fid-dar taghhom anke wara li zzewwgu fejn kien fetah il-kcina u ghamel hnejja biex tikber u kien ghamel tarag fuq il-bejt u washroom fuq. Tghid li kellha zija xebba u kienet tghinha hafna fil-flus, anke wara li zzewwget. Darba kienet tatha elf ewro (€1,000) biex tixtri kamra tas-sodda. Hi kienet iddepozitathom il-bank izda' ftit wara V qabad u mar xtara karru taz-ziemel. Tghid li kienet bkiet u haditha bi kbira ghaliex hassitha traduta minn zewgha stess. Iz-ziemel kien isuqu kull nhar ta Sibt, u biex jinkiteb ghat-tigrija biss ried ihallas €50. Apparti minn hekk kien jonfoq hafna iktar flejjes fuq iz- ziemel li ma kienx juriha bihom u spiss kienet issib mohbijin gol-karozza, u anke l-ghalqa creams li jiswew madwar €65 u €70. Darba minnhom, huh kien harablu z-ziemel u kisser xi 3 karozzi u dahal fi spejjez kbar. V kien hallas ammont sostanzjali jekk mhux kollox mill-ispejjez minghajr ma wriha xejn. Wara dan kollu dan iz-ziemel kien spicca ghand V u b'hekk spicca b'zewg zwiemel u zdidulu l-ispejjez.

Tghid li V u hi kwazi qatt ma kienu johorgu. Sahansitra darba kellha t-tieg tal-kugina u lanqas biss mar maghha, ipprefera jiehu z-ziemel il-bahar. Izda meta kien jahdem bhala self-employed u kien ikun xoghol bil-van is-sibtijiet filghaxija, kien jiltaqa' ma' shabu jiehu xi zewg drinks go diskoteki.

Tghid li l-ikbar interess taghha dejjem kien it-tifel u dejjem xtaqet l-ahjar ghalih. Minn dejjem inkoraggietu sabiex imur tajjeb fl-iskola u jistudja. Izda V minflok izomm maghha kien dejjem igennu sabiex jiehdu l-ghalqa u ta' tifel li hu kien jippreferi jmur mieghu milli jistudja. It-tifel dejjem jghidilha li iktar ikun ma' omm il-konvenut milli mieghu, u dejjem jiehdu l-ghalqa u ghalhekk it-tifel ma kienx qed ikun suggett ghall-edukazzjoni xierqa ghaliex il-priorita' ta missieru mhijiex l-iskola. Sahansitra t-tifel kellu l-prize day u hadd mill-familja tal-konvenut jew hu stess ma marru jarawh. Hi marret ghaliex ghaliha t-tifel jigi l-ewwel u qabel kollox avolja avzaha gurnata qabel biss.

Tghid li meta t-tifel kien qed jirrisjedi ma’ missieru hija kienet iccempel lit-tifel kuljum biex tara kif inhu u kif ikun qatta l-gurnata. Tghid li l-konvenut qatt ma

jcemplilha biex itiha ahbar it-tifel. Meta t-tifel kien ghadu maghha kienet ghamlitlu test privat ma' psikologista, peress li kellha suspett li t-tifel ghandu d-dyslexia. It-test ghamiltulu hi personali. Fil-fatt mit-test irrizulta li huwa dyslexic allura ghandu bzonn attenzjoni specjali. Huwa ghandu *learning support assistant* l-iskola pero hija *shared*. Meta kien jirrisjedi ma’ missiru t-tifel sikwit kien jghidilha li hu mdejjaq ma' missieru ghaliex dejjem ghand in-nanna jew inkella l-ghalqa. Fl-appartament fejn jghix il-konvenut ma' ommu hemm jghixu barra ommu, huh li huwa guvni, huh iehor li ssepara madwar sena ilu u ghandu tifel tampar Kieron. Tghid li meta t-tifel kien wera x-xewqa li ried jghix ma' missieru huwa kien imxewwex u apparti minn hekk missieru kien iwieghdu li mhux se jibqa' jmur iktar skola. Tghid li z-zwiemel jigu l-ewwel u qabel kollox ghall-konvenut; sahansitra qabel l-interess tat-tifel Kieron.

Mistoqsija in kontro-ezami jekk dan Silvio li mieghu kellha negozju f'Wied iz-Zurrieq hux l-istess wiehed li kellha incident ta' swat mieghu u ressqitu u l-Qorti u kienu hafru lil xulxin, tghid li huwa l-istess wiehed.

**Tessie Fenech**, omm l-attrici tixhed inter alia illi meta t-tifel minuri tal-partijiet kien ghadu jirrisjedi ma’ missieru, kien fetah qalbu maghha li jixtieq jerga` jmur jghix ma' ommu, ghaliex qed ikun dejjem gewwa. Tghid li darba harget lit-tifel u staqsietu jekk kienx kuntent u qalilha li ma tantx kien kuntent.

**Dr Elizabeth Quintano** prodotta mill-attrici u in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali tixhed inter alia, illi dak iz-zmien kien hemm kumpilazzjoni pendenti kontra l-konvenut.

**Il-konvenut xehed** waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-3 ta' Marzu 2015, u jghid inter alia, illi meta l-minuri kellu xi erba` snin u nofs, kien mar jghidlu illi ommu kienet hallietu rieqed fil-vann go ghalqa wara tieg u kien raha lilha u lil certu Michael il-Flower jitbewwsu u b'certu intimita’ bejniethom. Jghid li dak il-hin ma emmnux pero` mbaghad beda jinduna li l-attrici kienet qed taghmel hafna affarijiet strambi. Darba kienu c-Cirkewwa u lit-tifel hallietlu karta fil-but b'hafna kliem bhal “jiena se mmur naqbez” u “daqshekk rajtni izjed.” Jghid li meta kienu jiltaqghu il-Hadd ghand huh Charles R, kien jara lill-attrici b'hafna kunfidenzi ma' certu Silvio. Jghid li t-tifel kien qal dan kollu quddiem l-Avukat tat-Tfal. Jghid li dak iz-zmien it-tifel kien jghix ma' ommu, jmur skola Birzebbugia u qieghed year 5. Jghid li hu u l-attrici ma ghadhomx jghixu fl-istess dar. Jghid li jaghmel madwar mija jew mija u hamsin Euro fix-xahar bil-vjaggi tat-taxi. Bhalissa la qed jaghti manteniment lil martu u lanqas lit-tifel Kieron. Jghid li bit-taxi jaghmel vjagg jew tnejn kuljum, meta jibghat ghalih biss.

Omm il-konvenut **Maria Assunta R** tixhed inter alia, illi binha joqghod maghha u li ma tafx fejn toqghod l-attrici. Tghid li darba kienet ghand binha l-iehor Charles

R u kienet qeghdha l-garaxx u bdiet tara lill-attrici tittawwal mit-tieqa ghal barra biex tara jekk zewgha hux qieghed hemm u bdiet taghmel ukoll wicc ma' wicc ma' certu Silvio li kien hemmhekk ukoll. Tghid li kienet ta' kull darba titla` fuq is-sufan tittawwal minn got-tieqa imbaghad terga` tmur hdejn Silvio tqieghed wiccha hdejh u turih il-mobile u tidhaq. Tghid ukoll li darba ohra meta rat lill-gharusa ta' dan Silvio gejja mat-tifla ta' Charles R, hija dahlet tigri fil-garaxx u hi ratha stramba. Tghid li ftit wara l-partijiet kienu nfirdu.

Tghid li fi zmien meta kienu diga` separati l-partijiet, l-attrici kienet kecciet lit-tifel mid-dar u kien mar ghandha bil-libsa tal-precett f'idejh u liebes biss qalziet ta' taht jew malja rqiqa. Kien gabulha Charles R u qalilha biex izzommu ghax ommu kienet keccietu, u dan meta kellu xi erba` snin. Tghid li mbaghad regghet keccietu xi darba ohra u kien marbut fuq wara tal-vann fejn kien hemm kelb u qaltilha biex tiehdu u trabbih hi. Tghid li t-tifel m'ilux li rega` telaq ghand ommu, llum ghandu hdax-il sena.

In kontro-ezami l-istess xhud tghid li dak iz-zmien it-tifel kien jghix ma' l-attrici u jmur ghandhom fil-weekend mill-Gimgha wara l-iskola. Gieli joqghod sat-Tnejn u gieli l-attrici tmur ghalih il-Hadd. Tghid li l-homework jaghmlu l-izjed mal-attrici, u meta jkun ghandha fil-weekend gieli jinhasel ghandha u gieli ma jinhasilx.

**Charles R**, hu l-attur jixhed inter alia, illi l-partijiet kienu jmorru jieklu ghandu nhar ta' Hadd u kienu jiehdu maghhom lil habib taghhom Silvio li ma jafx kunjomu ghalkemm kemm-il darba kien imur il-forn li qieghed hdejn il-bieb tal-garaxx tieghu. Jghid li kien jarah jibghat messaggi lill-attrici u kien qallu biex joqghod attent ghax fl-ahhar il-konvenut kien se jaqbdu u jigi fl-inkwiet mieghu. Jghid li meta t-tifel kellu xi hames snin kien qallu li kieku missieru kien jaf kien joqtol lil ommu, ghaliex qabel imur l-iskola kien ikun maghha fil-vann u kienet tghaddi go xi razzett u kien johrog dan Michael il-Flower u kien joqghod ibus lil ommu mit-tieqa tal-vann. Jghid li t-tifel hadu fi triq faccata tal-Coca Cola fuq is-side l-ohra biex jurih fejn. Jghid ukoll li dan huwa kollu kliem it-tifel. Jghid li darba huh il-konvenut cempillu u qallu biex imur ghat-tifel ghax hu ma setax u meta mar Hal Luqa sab lit-tifel fit-triq tal-gnien liebes biss qalziet ta' taht jew malja rqiqa, u hu baqa` sejjer bih ghand ommu.

In kontro-ezami l-istess xhud jghid li skont it-tifel hdejn il-fabbrika tal-Coca Cola, Michael il-Flower kellu xi ziemel. Jghid li meta sab lit-tifel bil-qalziet ta' taht jew malja kellu xi hames snin u kienu x-xhur tax-Xitwa.

**John Busuttil** prodott mill-konvenut jixhed illi lit-tifel tal-partijiet jafu mir-razzett ta' missieru li qieghed Hal Far u minghand Lourdes li tigi habiba ta' V R u tieghu. Jghid li dahal u fil-pront sema` wahda jisimha Tessie tghidilhom aqbduh u huduh. Jghid li t-tifel kien go kaxxa tal-vann, rah b'ghajnejh marbut mal-kelb. Ic-

cinga kienet torbot kemm lit-tifel u kemm lill-kelb. Din Tessie tigi omm l-attrici. Jghid li lil omm V R taha lit-tifel u telaq.

In kontro-ezami l-istess xhud jghid illi meta raha lit-tifel marbut mal-kelb, kienet gabitha hekk Tessie omm Q R. Jghid li din Lourdes kienet qieghdha d-dar taghha u hu kien qieghed ghandha.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

*Responsabbilta` ghat-Tkissir taz-Zwieg*

Qabel xejn il-Qorti tosserva li l-provi f'din il-kawza huma skarsi ghall-ahhar. Fl-affidavit taghha, l-attrici tattribwixxi l-htija ghat-tkissir taz-zwieg lill-konvenut, in kwantu minn mindu kienet harget tqila bit-tifel, kien sar possessiv u sahansitra ma kienx halliha tahdem izjed, kif ukoll ghaliex il-priorita` tieghu kienu dejjem iz-zwiemel u kien jonfoq hafna flus fuqhom u jittraskura lill-familja sabiex jaghti priorita` liz-zwiemel u l-htigijiet taghhom.

Min-naha tieghu, il-konvenut jattribwixxi lil martu kunfidenzi zejda ma` rgiel ohra, fosthom certu Silvio li kien ikun l-ghalqa ta' huh meta kienu jmorru ghandu l-Hdud. Din it-tezi tigi korroborata wkoll minn omm u hu l-konvenut.

Indubjament iz-zwieg ta' bejn il-partijiet illum tkisser irrimedjabbilment, u mill-ftit provi prodotti, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg jahtu z-zewg partijiet b'mod ugwali in kwantu l-komportament taghhom fil-konfront ta' xulxin jammonta ghal sevizzi u ingurji gravi reciproci.

**Ikkunsidrat**:

**L-Artiklu 48 tal-Kap 16** jipprovdi illi:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u827;*

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta'*

*waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*

**L-Artiklu 52** tal-istess Kap jipprovdi*:*

*Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomxigħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.*

In vista tar-responsabbilta` taz-zewg partijiet ghat-tkissir taz-zwieg, huma applikabbli fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16. Dwar id-data li ghandha tigi stabbilita ghall-finijiet taz-zmien li fih iz-zewg partijiet ikkagunaw it-tkissir taz-zwieg, il-Qorti qed tistabbixxi d-data li fiha gew pprezentati l-proceduri ta' medjazzjoni antecedenti din il-kawza u cioe' is-7 ta' Novembru 2011 (fol. 7).

<u>*Kura u Kustodja u Access tal-minuri Kieron*</u>

Jirrizulta mill-atti illi l-kura u kustodja tal-minuri kienet giet akkordata pendente lite lill-attrici b'digriet tat-30 ta' Gunju 2014, fejn il-Qorti, wara li rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tal-25 ta' Gunju 2014, u fl-ahjar interess tal-minuri, ordnat li pendente lite l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun affidata f'idejn Q R. Il-minuri kellu jirrisjedi mal-omm fid-dar residenzjali tan-nanniet materni, b'dan illi m'ghandux jirrisjedi ma' terzi li ma humiex membri tal-familja. Il-Qorti ordnat li l-konvenut ikollu access ghall-minuri J R nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5pm u s-7.30pm u alternattivament access bi sleep over mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-6pm u mis-Sibt 6pm sal-Hadd 6pm. Il-minuri jingabar ghall-access u jittiehed lura minn hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Luqa.

Minkejja li ghadda ftit taz-zmien mhux hazin mill-ghoti tal-imsemmi digriet, ma jirrizulta xejn mill-atti processwali li abbazi taghha din il-Qorti thoss li ghandha tvarja tali decizjoni, u ghalhekk qeghdha tikkonferma illi l-kura u l-kustodja tal-

minuri ghandha tibqa` fdata f'idejn ommu l-attrici, bi dritt ta' access ghall-konvenut kif hawn fuq stabbilit.

_Manteniment_

Fir-rikors guramentat, l-attrici titlob lill-Qorti sabiex tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghal binha minuri.

Il-Qorti tosserva ghal darb'ohra li l-provi fl-atti processwali, sija dwar l-introjtu tal-partijiet, kif ukoll dwar il-bzonnijiet tat-tifel huma tassew skarsi. Jirrizulta li z-zewg partijiet ghandhom impjieg, l-attrici bil-vann, u l-konvenut bit-taxi. Filwaqt li ma tirrizulta ebda informazzjoni dwar l-introjtu tal-attrici, l-konvenut jixhed illi jaqla` madwar mija jew mija u hamsin Euro fix-xahar u jghid li jaghmel vjagg jew tnejn kuljum, izda jahdem biss meta jibghatu ghalih.  Fil-fehma tal-Qorti din ix-xhieda tal-konvenut m’ghandiex mill-verita’.

**Ikkunsidrat**:

**L-artikolu 7 (1) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi:

*(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta’ dan il-Kodici.*

**L-artikolu 3B** jghid illi:

*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta’ l-ulied.*

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri fl-ismijiet **Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra pro et noe**, deciza fit-13 ta' Lulju 2001, fejn gie enuncjat:

*“...hemm elementi importanti in materja ta’ manteniment bhala ma huma l-ispejjez bazici ta’ spiza ghall-hajja u ghall-edukazzjoni tal-minuri li kellhom jigu sodisfatti mill-obbligat, ikun x’ikun id-dhul tieghu sakemm il-Qorti tqis li dak il-minimu ikun fil-possibbiltajiet tieghu.”*

Jinghad ukoll illi dan l-obbligu ghall-manteniment m’huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu ta’ min ghandu jhallas il-manteniment izda huwa obbligu assolut [vide in materja App. S. **Zahra Saviour vs Zahra Maria Antionette pro et noe** deciza 13 ta' Lulju 2011].

Fic-cirkostanzi, l-Qorti  hija tal-fehma illi l-quantum li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Kieron ghandu jkun fis-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) fix-xahar pagabbli fl-ewwel gurnata ta' kull xahar, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Dan il-manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni, u ghandu jibqa’ jithallas sakemm Kieron jibda jahdem jew jaghlaq tlieta u ghoxrin sena fl-eventwalita’ li jibqa` student *full-time.*

In vista tal-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kap 16 fil-konfront taz-zewg partijiet, it-talba tal-attrici ghal manteniment ghaliha ma tistax tigi akkolta.

*Komunjoni tal-Akkwisti*

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, l-unici provi li tressqu huma dawk skarsissimi kontenuti fl-affidavit tal-attrici. Hija ssemmi li fis-sena 2002, cioe` qabel iz-zwieg, il-partijiet xtraw post Hal Luqa li wara z-zwieg serva ta' dar matrimonjali, izda ma tressqet ebda prova ulterjuri dwar dan il-fond. Issemmi wkoll xi vannijiet, li kienu nxtraw waqt iz-zwieg, kif ukoll ziemel li l-attur kien xtara waqt iz-zwieg ghall-prezz ta' madwar Lm1800. Tghid ukoll li zitha kienet taghtha €1000 sabiex tixtri kamra tas-sodda, izda l-konvenut kien ha dawn il-flus sabiex xtara karru ghaz-ziemel.

Da parti tieghu, il-konvenut ma jaghmel ebda accenn ghall-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, b'dan illi sahansitra fil-kontro-ezami tal-attrici, jonqos milli jikkontesta t-testimonjanza mressqa mill-attrici fl-affidavit taghha u ghalhekk *imputet sibi*. Ix-xhieda tal-attrici in rigward tirrizulta inkontestata.

Ghalhekk, wara li l-Qorti kkunsidrat il-provi skarsi in rigward qeghdha tiddeciedi billi tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, tordna l-bejgh ta' kwalsiasi vetturi licenzjati f'isem wahda miz-zewg partijiet, b'dan li r-rikavat ghandu jinqasam b'mod ugwali bejniethom. Iz-ziemel mixtri fiz-zwieg ghandu jigi assenjat lill-konvenut, flimkien mal-karru, b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u hames mitt Euro €1500 bhala sehemha mill-valur taz-ziemel li l-Qorti qeghdha tistabilixxi *arbitrio boni viri* in mankanza ta' provi recenti u konkreti ohra, kif ukoll elf Euro (€1000) li l-konvenut approprija ruhu minnhom sabiex jixtri l-karru, u li kienu nghataw bhala donazzjoni lill-attrici minghand zitha. Ghalhekk, il-konvenut qieghed jigu kkundannat ihallas lill-attrici ekwiparazzjoni ta' elfejn u hames mitt Euro (€2500).

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn dawn ma humiex kompatibbli ma' dan il-gudikat, tiddisponi mit-talbiet attrici billi:

1) Tilqa` in parte l-ewwel talba u tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti, ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet b'mod ugwali.

2) Tilqa` t-tieni talba u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri J lill-attrici, bi dritt ta' access favur il-konvenut skont kif deciza taht l-intestatura 'Kura u Kustodja u Access tal-minuri Kieron'.

3) Tilqa` in parte t-tielet talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja ta' tlett mitt ewro (€300) ghall-minuri Kieron, skont kif stabbilit taht l-intestatura 'Manteniment'.

4) Tapplika kontra z-zewg partijiet l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'effett mis-7 ta' Novembru 2011.

5) Tilqa` l-hames talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tordna d-divizjoni taghha skont kif deciz taht l-intestatura 'Komunjoni tal-Akkwisti.'

6) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba.

7) Tawtorizza lill-attrici terga tibda tuza kunjom xbubitha "Fenech".

Bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu taz-zewg partijiet b'mod indaqs.

**Imhallef** **Deputat Registratur**